SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 20/K6/09

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 30/07/'09** **249**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 30/07/'09** **303**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 30 ta' Lulju 2009.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-5.30 p.m.

1.03 Preżenti: seba' membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Roberta Sammut.

1.04 Kien hemm preżenti l-Accountant is-Sur Louis Padovani, l-Perit Stephen Farrugia, MP&DC, Il-Perit Sandra Magro u s-Sur Ian Magro, mill-Asfaltar Ltd.

1.05 Kien hemm preżenti zewġ membri tal-pubbliku (2).

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fit-24 ta' Lulju 2009. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza

3. Rapport Amministrattiv
4. Rapport Finanzjarju sat-30/06/09
5. Bajjiet
6. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 19/K6/09 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Norman Vella għarraf lill-Kunsill li l-ahhar laqgħa ma attendiex minħabba li ma rċeviex l-aġenda.

1.3.03 Is-Segretarju Ezekuttiv ġibdet l-attenzjoni li min-naħa ta' l-amministrazzjoni l-aġenda ntbagħtet lill-membri kollha tal-Kunsill.

1.3.04 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 19/K6/09.

1.3.05 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

1.3.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.07 Ingibdet l-attenzjoni li s-sinjali tat-toroq qed jmorru wara ftit li jkunu saru u jidher illi l-problema hija tal-kwalita' tat-tarmak specjalment ta' parti minn Triq Gorg Borg Olivier li qed idub. Peress li din it-triq kienet saret mill-Gvern Ċentrali ġie deċiż unanimament illi tintbagħat ittra lill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta fejn tinġibed l-attenzjoni illi hemm bżonn li jinbidel it-tarmak.

1.3.08 Saret sospenzjoni tar-regolamenti biex jiġu diskussi Items 3 u 4 peress li kien hemm preżenti s-Sur Louis Padovani.

1.3.09 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**3 Rapport Annwali Amministrattiv**

3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq ir-Rapport Amministrattiv għall-approvazzjoni (Ara Appendici 'A').

3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker tat spjegazzjoni rigward dan ir-rapport, u wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Richard Scicluna ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport Annwali Amministrattiv.

3.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**4 Rapport Finanzjarju sat-30/06/09**

4.01 Il-Kunsill gie pprezentat bir-Rapport Finanzjarju sat-30/06/09 (Ara Appendici 'B').

4.02 Is-Sur Louis Padovani u s-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker taw spjegazzjoni ddettaljata ta' dan ir-rapport.

4.03 Il-Kunsill ġie nfurmat illi mal-lista tal-'committments' ġew imwarrba €112,000.00 b'konnessjoni ma' spejjeż għal proġetti tal-Car Park – Balluta, Dar għal Anzjani u Move Together Exhibition. Dan sakemm il-Kunsill ikollu konferma li ser jingħata l-fondi skont l-applikazzjonijiet li qed isiru. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll biex ikun aktar kawt fid-deċiżjonijiet li jittieħdu minħabba li hemm ċerti voti li diġa ntefaq aktar milli kien ibbagitjat.

4.04 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Ronald Agius ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sat-30/06/09.

4.05 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

4.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.07 Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Louis Padovani u lis-Segretarju Ezekuttiv Helen Walker għall-ħidma tagħhom.

4.08 Is-Sur Padovani ġie skużat fis-6.10 pm.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

**Rif. Nru Korrispondenza**

2707;3106 Memo 37/2009 u ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Garanzija Bankarja fuq proġett ta' żvilupp.

2809 Ittra mingħand il-Parroċċa San Ġiljan rigward il-Billboard tal-Parroċċa.

2956 Ittra mingħand il-MEPA rigward Statement of Funds.

2964;2989;3146 Ittri mingħand il-MEPA rigward ir-railings ta' Ġnien Saver Zarb u r-risposta tal-Perit Stephen Farrugia.

3013 Ittra mingħand l-Avukat Michael Falzon, Kelliem Ewlieni Laburista għall-Intern u s-Sigurta' rigward laqgħa mal-Kunsill.

3019;3287 Ittri mingħand Dizz Ltd u Active Enterprises rispettivament rigward reklamar fuq U-Shaped Barriers.

3116 Memo 42/2009 rigward Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2010.

3330 Ittra mingħand is-Sur Edward Gatt rigward il-Dean Residence Car Park.

3344 Ittra mingħand l-Onor Chris Said rigward Kampanja ta' Tindif.

3348 Ittra mingħand il-MEUSAC rigward Creative Communities.

3350 Ittra mingħand il-National Blood Transfusion Services rigward il-Blood Mobile Unit.

3353 Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-kuntratt dwar il-ġbir ta' skart organiku.

3362 Ittra mingħand is-Sur Carmelo Spiteri biex jopera bħala basker f'San Ġiljan.

3411 Ittra mingħand l-Għaqda tal-Ġostra rigward il-Ġostra tradizzjonali li ssir lejliet il-festa ta' San Ġiljan.

**Fost l-ittri li nqraw gew diskussi:-**

Rif. Nru. 3172

2.02 Iċ-Chairman għamel riferenza għall-ittra li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Henry Tortell rigward traffic management fi Triq San Ġorġ u wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi ssir laqgħa ma' rappreżentant ta' l-ADT u flimkien mal-Kunsilliera jiġi nfurmat is-Sur Tortell sabiex min jista' jattendi.

2.03 Il-Kunsillier Karl Gouder wasal fis-6.10pm.

2.04 Il-Perit Stephen Farrugia, MP&DC wasal fis-6.15pm

2.05 Saret sospensjoni tar-regolament sabiex jigu diskussi il-proġetti ta' Triq il-Kbira u Triq Sant' Elia (Rif. Inc. 3433).

2.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

2.07 ***Triq il-Kbira*** Il-Perit Stephen Farrugia spjega li x-xogħol ta' culvert fi Triq il-Kbira minkejja li kien hemm diversi problemi issa tlesta.

2.08 ***Triq Sant Elia*** Il-Perit Stephen Farrugia informa l-Kunsill bil-problemi li nqalgħu fir-rigward il-paving u l-kanali ta' Triq Sant Elia, u li l-kuntrattur ġie nfurmat verbalment li l-Kunsill mhux kuntent bl-andament tax-xogħol.

2.09 Il-Perit Sandra Magro u s-Sur Ian Magro waslu fis-6.30pm.

2.10 Il-Kunsill ressaq l-ilmenti tiegħu lill-Perit Sandra Magro u l-fatt illi x-xogħol ta' Triq Sant Elia kien qed jieħu ħafna aktar żmien milli kien previst.

2.11 Wara diskussjoni qasira l-Perit Sandra Magro tat spjegazzjoni rigward id-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom, u kkonfermat illi l-kuntrattur ser jaħdem aktar sigħat u jekk huwa possibbli jżiedu n-nies. Dan sabiex jitnaqqas l-inkonvenjent lir-residenti u jekk jista' jkun x-xogħol jitlesta' qabel il-festa ta' San Ġiljan.

2.12 Il-Perit Stephen Farrugia nforma lill-kuntrattur illi jekk jara li x-xogħol qiegħed isir b'mod sodisfaċenti jirrakomanda lill-MEPA sabiex jitħallas instalment ieħor.

2.13 Il-Periti u l-kuntrattur ġew skuzati fis-7.10pm

**Korrispondenza (tkomplija)**

Rif. Nru. 2809

2.14 B'riferenza għall-ittra mingħand il-Paroċċa San Ġiljan rigward avvizi li jidhru fuq il-*Billboards* tal-paroċċa ġie deċiż unanimament illi jsiru l-awguri tal-Milied ghall-ammont ta' 230 euro.

Rif. Nru. 2956

2.15 B'riferenza ghall-iStatement of Funds li l-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA ġie deċiż unanimament illi:-

- ✓ Il-Perit Stephen Farrugia jintalab jagħmel stima biex jigu rranġati ċ-ċnut f'Ta' Ġiorni.
- ✓ issir applikazzjoni lill-MEPA għall 9,433.94 euro li huma fondi disponibbli mill-Urban Improvement Fund, sabiex jiġu rranġati ċ-ċnut li hemm f' Ta' Ġiorni;
- ✓ Issir laqgħa mal-Perit Anton Camilleri tal-Awtorita' tad-Djar biex naraw x'jista' jsir għall manutenzjoni ta' Ta' Ġiorni.

Rif. Nru. 3013

2.16 B'riferenza għall-ittra mingħand l-Avukat Michael Falzon ġie deċiż unanimament illi ssir laqgħa nformali miegħu u jiġi nfurmat il-Kunsill meta tkun ser issir din il-laqgħa.

Rif. Nru. 3287

2.17 B'riferenza għall-ittra mingħand l-Active Enterprises rigward talba biex ibiddel il-pedestrian barriers li għalihom għandu l-permess skont il-Bye-Laws 52/2/2006 ġie deċiż unanimament illi:-

- ✓ l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li dawn isiru ta' struttura 4 ft x 2 ft (1.22mtrs x 1 mtr) ta' aluminium iswed. Dan biex estetikament il-lokalita' tkun tidher aħjar.
- ✓ Dawn isiru għall-ispejjeż ta' l-Active Enterprises.
- ✓ Kull min irid jirreklama fil-lokalita' irid juża pedestrian barriers ta' l-istess struttura, irrespitavament jekk din tkunx mingħand l-Active Enterprises jew le. Dan sabiex ikun hemm uniformita' fil-lokalita'.

Rif. Nru. 3019

2.18 B'riferenza għall-ittra mingħand DIZZ Ltd. rigward talba biex isir reklam fuq pedestrian barriers il-Kunsill ġie nfurmat illi verbalment il-klijent ilmenta li meta avviċinaw l-Active Enterprises dawn talbuhom iħallsu għar-reklam hafna aktar mill-ammont li hemm fil-

Bye-Laws. Għalhekk urew ix-xewqa li ssir it-talba direttament lill-Kunsill.

2.19 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni dment li tigi osservata d-deċiżjoni aktar 'l fuq f'taqsima 2 paragrafu 2.17 it-tielet bullet.

2.20 Ġie deċiż illi l-pedestrian barriers ta' ħdejn l-iScruples fit-tarf ta' Triq Manwel Dimech jinżebgħu sofor.

Rif. Nru. 3116

2.21 B'riferenza għall-Memo 42/2009 rigward Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2010 ġie deċiż unanimament illi l-Kunsillier Edgar Montanaro jieħu r-responsabbilta' biex tigi sottomessa din l-applikazzjoni.

Rif. Nru. 3330

2.22 B'riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Dwardu Gatt rigward id-Dean Residence Car Park iċ-Chairman għarraf lill-Kunsill li s-Sur Gatt ser jgħaddi kopja tal-permess li għandu lill-Kunsill.

Rif. Nru. 3344

2.23 B'riferenza ghall-ittra mingħand l-Onorevoli Chris Said rigward Kampanja ta' Tindif, ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill ma jipparteċipax f'din il-kampanja.

2.24 Is-Sindku Peter Bonello ġibed l-attenzjoni illi l-promenade minn ħdejn il-Barracuda Restaurant fi Triq il-Kbira sa ħdejn id-Dicks Bar fi Triq San Ġorġ għandu bżonn jinħasel bil-power wash u jitneħħa ċ-chewing gum.

2.25 Ġie deċiż unanimament illi tintalab stima.

Rif. Nru 3362

2.26 B'riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Carmelo Spiteri sabiex jopera bħala basker ġie deċiż unanimament illi jigi nfurmat li l-Kunsill joġġezzjona u li l-Kunsill huwa fil-proċess illi joħrog Bye-Laws. Għandha tigi nfurmati l-pulizija bid-deċiżjoni tal-Kunsill.

Rif. Nru. 3411

2.27 B'riferenza għall-ittra mingħand l-Għaqda tal-Ġostra ġie deċiż unanimament illi din l-attivita' tradizzjonali ssir bil-kollaborazzjoni mal-Kunsill u jingħataw 349 euro bħala parti mill-ispejjeż.

2.28 Il-Kunsill ġie nfurmat illi ġiet sottomessa l-applikazzjoni fir-rigward Memo 28/2009 – Enterprise Support Award & Green Challenge Award li kien responsabbli ghaliha l-Kunsillier Edgar Montanaro.

**5 Bajjiet**

5.01 Is-Sindku Peter Bonello ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi saret xi applikazzjoni lill-MEPA mill-Klabb tan-Neptunes sabiex jagħmel extension tas-sun deck u l-bar (PA 00126/09).

5.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi:-

- ✓ Il-Kunsill joġġezzjoni għal kull applikazzjoni li ssir sabiex tittieħed parti mill-blat jew bajja minħabba li l-unika area li baqa' f'San Ġiljan fejn jistgħu jgħumu n-nies huwa ristrett.
- ✓ Tintbagħat ittra lill-Klabb tan-Neptunes fejn jiġu mitluba, sabiex mill-aktar fis possibbli, ineħħu l-grada li saret ħdejn id-diving school minħabba li din qed tostakola l-aċċess li kien hemm għall-bajja tal-Balluta;
- ✓ Tintbagħat ittra lill-Klabb ta' San Ġiljan sabiex kull aċċess li hemm għall-bajja jitħalla liberu.

**6. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

6.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'C').

6.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

6.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.05 B'riferenza għat-talba tal-Kunsillier Richard Scicluna gie deċiż unanimament illi ghalkemm ressaq it-talba tiegħu tard, jiġi rimburzat l-ammont ta' € 187.00. Dan għal użu ta' vettura pivata tiegħu u l-użu tat-telephone, għall-perjodu Jannar sa Marzu 2009.

6.06 Is-Segretarja Ezekuttiv reġgħet ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill biex jigu osservati l-avvizi legali 155/93 u l-proċeduri finanzjarji. Hi għarfet lill-Kunsill li f'dan il-każ l-audit għas-sena finanzjarja 2008/09 kien tlesta u dan l-ammont ma kienx gie kkunsidrat.

**7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2681 sa 2695 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

7.02 Il-Kunsillier Norman Vella ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 2681 sa 2695.

7.03 l-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jigu diskussi materji oħra.

7.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**8 Materji Oħra**

8.01 Ġie deċiż unanimament illi Faces Consultants Ltd jigu nfurmati biex jissostitwixxu l-bank li kien hemm fil-bus shelter ta' quddiem il-Wembley garage peress li dan m'għadux hemm.

8.02 Iċ-Chairman nforma lill-Kunsill illi fil-laqgħa li kellu fil-15 ta' Lulju 2009 ma' rapprezentanti ta' l-Awtorita' tat-Turiżmu ġie nfurmat illi hemm il-ħsieb li tinfetaħ Tourist Information Bureau fi Triq Ġorġ Borg Olivier minflok il-latrina tan-nisa filwaqt li l-latrina ta' l-irġiel li hemm fil-Pjazza ta' Spinola (fid-daħla tat-Tigullio) titwaqqa' u minflok isiru waħda ta' l-irġiel u waħda tan-nisa .

8.03 Il-Kunsill gie nfurmat illi nhar it-Tnejn 3 ta' Awwissu 2009 ser issir laqgħa mas-Sur Austin Walker, iċ-Chairman tal-MEPA dwar il-proġett tad-dar għall-Anzjani.

8.04 Gie deċiż unanimament illi:-

- ✓ Jekk ikun possibbli, waqt din il-laqgħa jitressaq ilment lis-Sur Walker peress li għadu ma nħarigx l-Compliance Certificate

tal-MEPA fuq il-proġett Ġnien Dun Anton Sciberras. B'konsegwenza li dan il-kumpless għadu bla ilma.

- ✓ Tintbagħat e-mail lill-Prim Ministru fejn jiġi nfurmat b'dan il-każ.

8.05 Iċ-Chairman ssuġġerixxa li meta tinħareġ is-sejħa għall-offerti għat-tindif tat-toroq dan jinkludi l-option ta' mechanical sweeping jew tinħareg sejħa separata għal mechanical sweeping.

8.06 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi jinħargu żewġ sejħiet separati.

8.07 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi ġiet ivverifikat l-attendenza għal-laqgħat tal-Vici Sindku Karl Gouder u jirriżulta li mid-29 ta' Jannar 2009 sal-25 ta' Ġunju 2009 saru sitt laqgħat tal-Kunsill li minnhom kien preżenti għal erbgħa laqgħat filwaqt li għaż-żewg laqgħat l-oħra kien darba skużat u darba assenti. Jirrizulta wkoll illi minbarra dawn is-sitt laqgħat saru żewġ laqgħat oħra waħda tal-lokalita' u l-oħra ta' Paceville Hamlet li għalihom kien darba skużat u darba assenti.

8.08 Ġie deċiż unanimament illi:-

- ✓ Bhas-snin li għaddew fl-okkazzjoni tal-Festa ta' San Giljan il-Kunsill jagħmel bibita għall-baned;
- ✓ l-għada tal-festa ta' San Ġiljan il-Kunsill ikun miftuħ għal Customer Care biss bejn id-9.00am u 11.00am
- ✓ minħabba l-festa il-laqgħa li jmiss issir fis-6 ta' Awwissu 2009 fil-5.30pm.
- ✓ Peress li l-iskrivana Ms Lindsay Debattista ser tiżewweġ din ser tingħata 233 euro.

8.09 Il-Kunsill ġie nfurmat illi l-persuni li ser jingħataw Ġieħ San Ġiljan huma:-

- ✓ Is-Sur Anton Agius Muscat;
- ✓ Ms Miriam Agius;
- ✓ Is-Sur Guzeppi Cassar (mejjet);
- ✓ Is-Sur Michael Farrugia;
- ✓ Ms Margaret Sammut;

- ✓ Is-Sur Lino Schembri;
- ✓ Is-Sur Anthony P. Scicluna;
- ✓ Is-Sur John Agius.

8.10 Din l-attivita' ser issir fil-Kazin tal-Banda San Ġiljan nhar il-Ħadd 16 ta' Awwissu 2009. Waqt din l-attivita' ser ikun hemm kunċert u wara bibita. Għal din l-attivita' jigu mistiedna l-familjari ta' dawk li ser jingħataw Ġieħ San Ġiljan.

8.11 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex jippreparaw artiklu għall magazine. Il-Kunsilliera Ronald Agius u Karl Gouder ser jiktbu artiklu bl-ingliż għal din il-ħarġa.

8.12 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fit-8.15pm

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |